



# In-Niċeċ f'Ħad-Dingli
## l-ewwel parti

*Tagħrif miġbur minn Antoine Azzopardi IDCS, B.A. (Hons) (Melit.), PGCE*

Fil-ħajja mgħaġġla tagħna aħna niffukaw ħafna fuq il-passi tagħna, it-toroq li minnhom nixtiequ ngħaddu fil-ħajja. Anke jekk mexjin fit-triq, ftit taqgħalna f'rasna li ma nħarsux lejn fejn ser immiddu l-pass li jmiss. Tajjeb iżda li nindunaw x'qed nitilfu minn dak li nistgħu ngawdu madwarna – kważi kważi togħma tal-ġrajjiet ta' dan ir-raħal antik. Il-ġrajjiet li sawru lil dan ir-raħal ta' Ħad-Dingli huma diversi u ferm interessanti, minsuġa tul is-sekli li għaddew minn fuqu iżda li dejjem kienu mwaħħda mal-fidi qawwija ta' poplu ħawtiel. Bla dubju, l-akbar xhieda ta' dan hija l-knisja – binja tant imponenti li bħal donnha tħares il-kumplament tal-bini u min jgħammar fihom. Iżda tul it-toroq tagħna hemm diversi niċeċ ma' faċċati ta' djar u binjiet oħra li jfakkru lil kull min iħares lejhom, illi aktar ma' wieħed iħares 'il fuq, aktar ser isib il-ħarsien Divin mis-sema. F'dan l-artiklu ser inkun qed nagħti ħarsa lejn xi wħud min-niċeċ li naraw madwar it-toroq ta' raħalna.

**Niċeċ fi Triq il-Parroċċa.**

(i) Niċċa tal-Assunta



Lejn l-aħħar tas-seklu dsatax tqiegħdet statwa f'niċċa mal-faċċata ta' dar pjuttost antika. Din l-istatwa hija kopja ddettaljata tal-istatwa titulari tal-Assunta. Wieħed jinnota l-preċiżjoni li biha ġiet minquxa. Ta' min wieħed isemmi li din inżammet dejjem viċin l-istat oriġinali tagħha iżda peress li ingħatat xi żebgħa matul is-snin, ftit dettalji tal-iskultura ma joħorġux daqstant ċari daqs kemm wieħed jixtieq. Fl-għoli ta' madwar sular jew ftit iktar, dawn id-dettalji fl-iskultura żgur li jagħtu dehra isbaħ. Oriġinarjament din in-niċċa kienet fin-nofs ta' bejn zewġ gallariji iżgħar izda maż-żmien il-gallariji ngħaqdu u allura n-niċċa titgawda l-aktar min-naħa l-oħra tat-triq.

(ii) Niċċa oħra tal-Assunta



Id-disinn ta' din in-niċċa li tinsab fiha din l-istatwa huwa viċin ħafna ta' niċċa oħra ta' Santa Marija. Din in-niċċa hija pjuttost kbira, għolja aktar minn 10 filati fil-faċċata tant li s-salib ta' fuq nett tagħha kważi jmiss maċ-ċinta tal-bejt. Minħabba li l-faċċata hija skuntrata, in-niċċa u l-istatwa fiha tingħata aktar importanza u imponenza hekk kif tinħoloq illużżjoni ottika bl-istatwa tal-Madonna qisha tinqala' aktar 'il barra.

Id-dettall tal-iskultura f'din in-niċċa huwa ferm sabiħ. Fiha żewġ pilastri doriċi fuq kull naħa li fuqhom bħal iserraħ il-gwarniċ mill-isbaħ tal-frontispizju. Jidher li din in-niċċa kienet tintrama u tiżżejjen fi żmien il-festa hekk kif jidhru xi marki ta' grampuni madwarha li magħhom kienu aktarx jiddendlu xi dekorazzjonijiet, probabbli lampi taż-żejt jew listi ta' bozoz.

B'xorti tajba din in-niċċa u l-istatwa ta' ġo fiha jidhru li qatt ma nżebgħu u allura nistgħu ngawduha fl-istat oriġinali tagħha. Il-Madonna tidher bl-idejn merfugħa 'l fuq waqt li l-panneġġ fil-libsa u l-mant huma mnaqqxa b'dettall sabiħ u li jista' jitgawda sa llum.

(iii) Riljiev tan-Nativitá

Din it-tielet niċċa tagħlaq bħal forma ta' trijangolu ta' niċeċ f'din it-triq, għax it-tlieta li huma jinsabu ftit metri 'l bogħod minn xulxin. Teknikament din it-tielet waħda ma tissejjaħx niċċa iżda riljiev maħdum fil-ġebel li juri t-twelid ta' Ġesù b'Marija u Ġużeppi jaduraw quddiem dan il-misteru kbir. Dan ir-riljiev jinsab fuq nett tal-faċċata ta' dar u allura mhux faċli biex titgawda, apparti li l-elementi għamlu tagħhom matul is-snin. Mhux ċar iż-żmien meta sar dan ir-riljiev iżda din il-ħsara li saret mill-elementi naturali juru li ż-żmien meta saret hu probabbli aktar antik mill-bini li tinsab fuqu llum.



**Niċċa tal-kunċizzjoni fi Triq il-Kunċizzjoni.**



Fi Triq il-Kunċizzjoni hemm niċċa antika tal-Immakulata Kunċizzjoni, l-istess titlu Marjan li għalih hija msemmija din it-triq. Din in-niċċa jidher li matul is-snin sarulha diversi interventi, bl-aħħar waħda propju meta sar l-irħamar tagħha. In-niċċa hi mdawwra bi gwarniċa nofs tond magħha b'għamla ta' kontropilastri fuq iż-żewġ naħat. Din in-niċċa tinsab isserraħ fuq gwarniċun wiesa' waqt li l-istatwa qiegħda fuq pedestall b'xogħol pulit ta' skultura, aktarx tal-istess id li ħadmet in-niċċa. Din l-istatwa tal-Kunċizzjoni tidher li hi waħda pjuttost antika u li maż-żmien ingħatat anke l-kulur. In-niċċa tikkumplimenta anke l-istellarju ma' ras il-figura b'raġġ ta' dawl li jaċċentwa l-qdusija ta' Omm Alla.

**Niċeċ fi Triq il-Kbira.**

(i) Niċċa tal-Assunta

Din in-niċċa tinsab fil-għoli mal-bini tal-għassa tal-Pulizija. Dan il-bini kien fl-imgħoddi d-dar tal-familja Ebejer li minnha ħarġu żewġ personalitajiet li għamlu isem lir-raħal tagħna. Dawn huma l-awtur famuż Francis Ebejer u ħuh l-Isqof Walter Michael Ebejer OP, isqof Dingli li qeda (u għadu jaqdi) għal snin twal lill-Knisja Kattolika fil-Brażil.

Din in-niċċa hija għolja ħdax-il filata u hija mżejna b'pilastru u kontropilastru fuq kull naħa. In-niċċa fiha disinn grazzjuż ta' arzella b'mod eleganti li tikkumplimenta l-ħidma tal-istatwa. Il-figura ta' Marija tħares lejn is-sema b'idejhja t-tnejn mgħollija bil-mantell jaqa' ħelu mal-ispalla tal-lemin.



(ii) Niċċa ta' San Ġużepp

Din in-niċċa ddedikata lill-missier putattiv ta' Ġesú tinsab lejn nofs ta' din it-triq antika tar-raħal. Din in-niċċa fiha għoli ta' madwar seba' filati. Il-lavur huwa pjuttost sempliċistiku mingħajr dettall invażiv. Id-disinn juri żewġ pilastri bi frontispizju fuqhom. Din in-niċċa tgawdi indulġenza ta' 200 jum għal min jitlob Missierna, Sliema u Glorja quddiemha, mogħtija mill-Isqof Mikiel Gonzi nhar it-tletin ta' Ġunju 1949. L-irħamar li jżejjen din in-niċċa jagħti karattru lis-sempliċità tan-niċċa li hija wkoll imdawra bil-bozoz u anke stikka antika għal xi lampa taż-żejt li xi darba kienet tnemnem quddiem din l-istatwa.



Dawn kienu biss ftit min-niċeċ u statwi li jżejnu t-toroq tar-raħal tagħna. Hemm aktar minn dawn u li jekk Alla jrid nagħtuhom l-ispazju tagħhom f'edizzjoni oħra tal-ktieb tal-festa. Minkejja t-toqol u l-iskariġġ tal-ħajja bil-piżijiet kollha li ġġib magħha, ikun tajjeb li ma ninsewx li 'l fuq mill-wiċċ tat-toroq u l-bankini hemm patrimonju reliġjuż jistenna biss li nħarsu u napprezzawh.